# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Marzu 2002.**

**Numru**

**Citaz. numru 988/94 DS**

Victor u Rose, konjugi Vella

vs

Claire u Mario, konjugi Dimech

Illum, 22 ta' Marzu 2002

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-1 ta' Awissu 1994 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi in forza ta' skrittura privata datata 12 ta' Jannar 1993, l-atturi kienu kkoncedew b'titolu ta' lokazzjoni lill-konvenuta (dak iz-zmien xebba Tonna), il-hanut f'numru 2, Alley 14, St. Lucy Street, Naxxar.

Illi bis-sahha ta' sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Frar 1994, wara l-kawza fl-ismijiet "Victor Vella – vs – Claire Dimech et", Citazzjoni Numru 1416/93 GMA, dik il-lokazzjoni giet dikjarata terminata u rexxissa.

Illi in esekuzzjoni tas-sentenza fuq indikata, il-konvenuti gew zgumbrati mill-hanut f'numru 2, Alley 14. St. Lucy Street, Naxxar.

Illi meta l-atturi hadu lura l-pussess vakanti tal-fond in kwistjoni irrizulta illi l-fond kien garrab danni u nuqqasijiet, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghal liema danni u nuqqasijiet huma responsabbli lejn l-atturi l-konvenuti.

Illi nonostante diversi talbiet da parti tal-atturi lil-konvenuti, inkluza talba permezz ta' ittra ufficjali datata 23 ta' Gunju 1994, sabiex il-konvenuti jhallsu d-danni u n-nuqqasijiet minnhom ikkagunati lill-atturi kif premess, l-istess konvenuti baqghu inadempjenti.

talbu li din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni u n-nuqqasijiet kollha sofferti mill-atturi fil-fond numru 2, Alley 14, St. Lucy Street, Naxxar, liema fond kien mikri lill-konvenuti u meta wara li l-konvenuti gew zgumbrati minn dan il-fond u l-atturi hadu lura l-pussess vakanti rrizulta illi l-fond kien garrab danni u nuqqasijiet, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. tillikwida l-istess danni u nuqqasijiet sofferti mill-atturi kif premess, okkorrendo permezz ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lil-atturi l-ammont li jigi hekk likwidat in forza tat-tieni domanda ta' din ic-Citazzjoni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 23 ta' Gunju 1994, u bl-imghax legali sal-effettiv pagament kontra l-istess konvenuti ngunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma hux minnu li huma kkawzaw xi danni jew kienu responsabbli ghal xi nuqqasijiet u ghalhekk ghandhom jigu respinti.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri jekk jinqala l-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-istess atturi li minn issa huma ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku William Cassar Torreggiani debitament mahlufa;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li l-attur kien ikkonceda b'titolu ta' lokazzjoni lill-konvenuta Claire Tonna (mizzewga Dimech) il-hanut 2 Alley 14 St. Lucy Street, Naxxar permezz ta' skrittura tat-12 ta' Jannar 1993 (Dok. RV anness mar-relazzjoni peritali). Skond id-dikjarazzjoni guramentata u mhux kontradetta ta' l-atturi, din il-lokazzjoni giet dikjarata terminata u rexissa bis-sahha ta' sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-15 ta' Frar 1994 fil-kawza fl-ismijiet "Victor Vella et vs Claire Dimech et" (Citaz. Nru. 1416/93 GMA). In esekuzzjoni ta' dik is-sentenza l-konvenuti gew zgumbrati mill-imsemmi hanut izda meta l-atturi hadu lura l-pussess vakanti tal-hanut, sabu xi danni u nuqqasijiet li ghalihom jippretendu li l-konvenuti ghandhom jaghmlu tajjeb.

L-attur xehed li meta dahal lura fil-hanut sabu vojt ghal kollox. Ghalkemm il-konvenuta kellha tiehu xi affarijiet, dawn kienu l-mizien, is-*slicer* u l-bank. Ma kinux imnizzlin l-ixkaffar, *ceiling fan*, purtiera tal-*plastic* bil-kurrent b'kollox u *freezer* tal-Lyons Maid. Il-*geyser* zghir kien imqaccat b'kollox. Fl-istruttura ma kienx hemm danni. Huwa spjega li l-konvenuta kienet ghamlet kapparra u l-ftehim kien li bi tpattija tkun tista' tiehu xi affarijiet flok il-flus.

Qal li l-affarijiet li setghet tiehu kienu msemmijin fil-kuntratt u li dawk li dwarhom qed jilmenta ma kinux inkluzi.

L-attrici qalet li meta l-hanut inkera lill-konvenuta, kienet bieghetilha l-apparat. Meta hadu l-hanut lura, kien hemm neqsin ukoll l-ixkaffar, il-*fan*, il-purtiera tal-*plastic* bis-sopraporta b'kollox u l-*freezer* tal-Lyons Maid. Minhabba li ttiehdu l-ixkaffar kellu jitkahhal il-hanut kollu. Il-*geyser* kien miksur u l-madum tal-hajt madwar il-*geyser* kien miksur. Meta l-konvenuta qalghet il-*fan*, qalghet ukoll ir-*rawlbolt* u kien hemm toqba fis-saqaf. L-attrici sostniet li kienet bieghet lill-konvenuta il-*counter*, magna tal-perzut kbira, magna tal-gobon u mejda zghira izda l-ixkaffar, il-*fan* u l-purtiera ma kenitx bieghethom, kif lanqas il-*freezer* li kien ta' l-agent.

Il-konvenuti, ghalkemm kellhom l-opportunita` biex jixhdu u jressqu l-provi taghhom, naqsu milli jaghmlu dan fil-hin propizju. Fid-dikjarazzjoni guramentata taghha l-konvenuta sostniet li l-hanut hallietu fl-istess stat li kien meta dahlet fil-kirja. Pero` dak li xehdu l-atturi ma jinsab bl-ebda mod kontradett minnha.

Issa fit-trattazzjoni tieghu d-difensur tal-konvenuti ghamel riferenza ghall-klawzola numru disgha (9) ta' l-iskrittura fuq imsemmija. Din il-klawzola tghid testwalment: *"Qed jigi dikjarat li s-sid diga` biegh u kkonsenja l-istock u*

*l-attrezzi kollha tal-imsemmi hanut lill-inkwilina qabel illum".* M'hemm l-ebda dubju li l-oggetti li l-atturi lmentaw dwarhom li kienu nieqsa ma jaqghux fid-definizzjoni ta' *"stock"*. Ghal dawk li huma *"attrezzi"* imbaghad dan jiddependi minn dak li ftehmu l-partijiet. F'dar-rigward pero` l-atturi kienu kategorici u ma gewx kontradetti. Inoltre l-Qorti hi tal-fehma li huwa verosimili li l-oggetti elenkati mill-atturi ma kinux inkluzi f'dak li l-konvenuti llum qed jifhmu b'*"attrezzi"*. Wara kollox hanut jinhtieg li jkun mghammar bi xkaffar, il-*fan* kien imwahhal mas-saqaf, il-purtiera ma tistax titqies bhala apparat jew attrezz, u l-*freezer* ma kienx ta' l-atturi biex ibieghu. Ghalhekk l-atturi huma gustifikati fil-pretensjoni taghhom ghad-danni u l-Qorti se tghaddi ghal-likwidazzjoni taghhom.

L-attrici esebiet ircevuti dwar madum (Dok. RV1), *fans* (Dok. RV2), purtiera (Dok. RV2), xoghol ta' xkaffar li sar minn Dominic Vella (Dok. RV3) u injam (Dok. RV3). Dwar il-*geyser* u dwar xoghol ta' tikhil u tibjid l-atturi ma esebewx ircevuti. Il-Qorti jidhrilha li huma gustifikati s-segwenti pretensjonijiet attrici:

| | |
|---|---|
| Rimpjazzar ta' l-ixkaffar (Dok. RV3) ………… | Lm248.78 |
| Purtiera tal-*plastic* (skond l-istima tal-perit) ….. | 10.00 |
| Lyons Maid *freezer* (skond l-istima tal-perit) … | 100.00 |
| *Ceiling fan* wiehed (Dok. RV2) ………………. | 20.00 |
| Madum (Dok. RV1) …………………………… | 50.80 |

*Geyser* (skond l-istima tal-perit) ………………. 20.00

----------------

Total ……………………………………… Lm449.58

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa’ t-talbiet attrici u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni u nuqqasijiet sofferti mill-atturi fil-fond 2 Alley 14 St. Lucy Street, Naxxar, liema fond kien mikri lill-konvenuti u meta wara li l-konvenuti gew zgumbrati minn dan il-fond u l-atturi hadu lura l-pussess vakanti rrizulta li l-fond kien garrab danni u nuqqasijiet,

(2) tillikwida d-danni u nuqqasijiet sofferti mill-atturi fl-ammont ta’ Lm449.58, u

(3) tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dan l-ammont ta’ Lm449.58 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF**

**DR. DAVID SCICLUNA** **D/REGISTRATUR**